**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Provvediment datat il-Gimgha 7 ta' Lulju 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 10/22 AGV ;**

**LC**
**Vs**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Guramentat** ta' LC datat 17 ta' Jannar 2022;

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:**

**1)** Illi l-esponent, LC , twieled nhar is-27 ta' Jannar 2002 minn relazzjoni extra-maritali bejn l-intimata DC u l-mibki J B li kien mizzewweg, b'hekk l-esponent gie rregistrat fuq l-att tat-twelid tieghu bhala iben missier mhux maghruf.

**2)** Illi minkejja li mhux rikonoxxut, l-intimata, DC , verifikat ma' l-esponent illi huwa fil-fatt iben J B u l-imsemmi JB kien jaf illi l-esponent kien fil-fatt ibnu u dejjem trattah daqs li kieku kien ibnu.

**3)** Illi fl-ahhar snin, ir-relazzjoni ta' bejn l-esponent u l-imsemmi JB tjiebet u fil-fatt l-esponent kien sahansitta jzur lill- JB fuq lant tax-xoghol sabiex jitghallem minghandu. Di piu, JB kien ta' spiss jinforma lill-esponent illi huwa kien ha jiehu l-passi necessarji sabiex jintroducih lill-intimati hutu u jirrikonoxxih formalment bhala ibnu.

**4)** Illi madanakollu l-imsemmi JB lehaq gie nieqes dizgrazzjatament nhar id-9 ta' Marzu 2021 f'incident fuq il-post tax-xoghol u b'hekk ir-rikonoxximent ma setax isehh minkejja x-xewqa tal-esponent u l-mibki JB

**5)** Illi l-esponent ghandu kull interess illi jsiru l-verifiki genetici necessarji sabiex il-parenita' tieghu tigi kkonfermata ufficjalment fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur, LC , huwa l-wild naturali tal-mejjet JB okkorrendo bl-opera ta` periti teknici u okkorendo wkoll permezz ta` dawk it-testijiet u verifiki genetici mill-fdalijiet tad-defunt u,

ii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-att tat-twelid tal-attur LC inter alia sabiex l-istqarrija 'Unknown Father' tigi ssostitwita bil-konnotati tal-imsemmi JB u l-konnotati u d-dettalji l-ohra kollha tieghu rikjesti mill-ligi kif ukoll kull dettal iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, datata 17 ta' Frar 2022 ;**

*Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:*

1. Illi l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni, huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

2. Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk il-mejjet, JB , huwiex verament il-missier naturali ta' LC ;

3. Illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponenti jitlob illi permezz ta' nota jiġu ppreżentati d-dettalji kollha neċessarji tal-mejjet JB u ċioe': (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identità, (3) l-età tiegħu meta twieled LC , (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi L C , (6) isem u kunjom missieru u (7) jekk il-missier patern kienx għadu ħaj meta twieled L C . Tali informazzjoni tkun meħtieġa sabiex eventwalment tkun tista' tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent L C innumerat 507/2002;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva wkoll illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi r-rikorrent LC

5. Illi finalment u dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta guramentata ta' ABB u C CB , datata 17 ta' Frar 2022;**

Jecepixxu bir-rispett u bil-gurament tieghu CB ;

Jikkonferma illi huwa jaf personalmet bis-segwenti:

Dwar il-fatti dikjarati:

1. Illi l-fatt ddikkjarati mir-rikorrenti huma kollha kontestati billi ma huwiex minnu, sa fejn jafu l-eccipjenti li l-mikbi JB , Missierhom huwa ukoll missier L C;

2. Illi missierhom dejjem jafuh jghix id-dar m'ommhom u ma kellu ebda wild iehor ghajrhom;

3. Illi l-eccipjenti jafu li DC kienet habiba tal-familja u meta kienu zghar gieli kienet tiehu hsiebhom u tohodhom sahansitrad d-dar taghha. Qatt ma kienu jafu li kellha tifel jekk mhux sa ftit snin ilu u din l-allegazzjoni bdiet tinxtered wara li miet missierhom.

Eccezzjonijiet:

l-Eccepjenti jecepixxu bir-Rispett:

1. Fl-ewwel lok u in linja preliminari ir-rikorreti ghadu jindika fuq liema artiloku tal-ligi qieghed issejjes l-azzjoni li qieghed jivvanta billi ma hemm l-ebda dubju li l-eccipjenti ahwa B ma humiex il-genituri ta LC u f'dan ir-rigward , abbazi ta dak li jindika r-rikorreti l-esponenti jirreservaw id-dritt taghhom li jresqu eccezzjonijiet ulterju.

2. Illi fit-tieni lok u wkoll in linja preliminari, l-Intimat DC m'ghadhiex interess guridiku fil-kawza u dan stante li l-vertenza odjerna ma jista qatt ikollha effett fil-konfront taghha.

3. Illi fit-tielet lok jidher li r-rikors odjern huwa tentattiv ghal forum shopping billi gja hemm rikors iehor bl-istess mertu bin-numru 286/2021 li inspjegabbilment gie cedut mill-istess rikorrenti.

4. Illi fir-raba lok u wkoll in lnja preliminari, il-lista tax-xhieda indikata mir-rikorrenti ma hijiex konformi mal-artikolu 156(4) tal-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili u f dan ir-rigward kollha li behsiebu jgib ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bl-isimhom. F'tali nuqqas, dina L-Onorabbli Qorti ghadha ticahd li dawn ix-xhieda jigu prodotti.

5. Illi fil-hames lok l-eccipjenti jopponu li l-fadalijiet ta missierhom jigu mittifiesa sabiex issiru testijiet genteici.

6. Illi fil-mertu t-talbiet rikkoenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez.**

**Rat ir-risposta ta' D C datat 18 ta' Frar 2022,**

ECCEZZJONIJIET;

Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet ta' binha LC kif imsemmija fir-rikors guramentat tieghu.

Rat il-verbal tat-28 ta' Marzu 2023 f'liema giet milqugha t-talba tal-attur li tinghata sentenza in parte, limitatament fuq l-ewwel talba tieghu.

**IKKUNSIDRAT**

Illi skont l-artikolu 70A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"70A. (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild:*
>
> *(a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li willed u lill-wild;*
>
> *(b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild;*
>
> *(ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
>
> *(d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' teħtieġ lil kwalunkwe wieħed mill-konjuġi, lill-*wild, *u lil allegat ġenitur naturali, kif ikun il-każ, sabiex jagħtu l-*kunsens *tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-*test *skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti:*

*Iżda fejn l-imsemmi kunsens ma jingħatax mill-*partijiet*, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi dak il-*kunsens *li ma ngħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju.*

*(3) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-*Familja*) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet* inferenzi *mill-*fatt illi persuna *ma tkunx* ipprovdiet kampjun *ġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.*

*(4) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad ir-*rikors *jekk tqis li ċ-ċaħda tal-wild tkun tirriżulta f'effett kuntrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-*wild minuri, liema effett ma *jkunx raġonevoli għal dak il-wild minuri, ukoll meta wieħed* jikkunsidra l-ansjetajiet *tal-persuna li għandha d-dritt li tagħmel tali rikors.*

*(5)* Persuna *li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' parentela u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob li l-persuna li għandha d-dritt li tagħmel ir-*rikors *li jkun sar fuqha test ta' parentela, tippermetti l-*ispezzjoni *tar-*rapport *ta' dak it-*test *ġenetiku ta' parentela jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili*

*(Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).*

*(6) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiġi deċiż permezz ta' digriet, liema digriet jista' jkun appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili".*

**IKKUNSIDRAT:**

Illi fil-kaz odjern, l-allegat missier, ossia JB gie nieqes nhar id-9 ta' Marzu 2021 u ghalhekk mhux la kemm wiehed jordna li jittiehed is-solitu kampjun bejn l-allegat missier u l-wild, f'dal-kaz ir-rikorrent u ghalhekk din il-Qorti ser tapprofondixxi f'dan ir-rigward.

Dawn iz-zewġ proċeduri, għalkemm mhux daqstant komuni, jirrizulta li ġew segwiti fi proċeduri quddiem il-Qrati nostrana fejn l-allegat ġenitur kien mejjet:

i. Il-proċedura tal-ezumazzjoni tal-mejjet u t-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tal-istess ġiet ordnata li ssir mill-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Glenda Farrugia noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Ottubru 2014. Barra minn hekk jidher li hemm ukoll kawzi pendenti fejn il-Qorti ordnat li ssir tali proċedura, izda liema kawza l-Qorti tagħzel li ma tagħmilx referenza speċifika għalihom minħabba li l-iter tal-kawza għadu għaddej. Fil-kaz surreferit ta' Glenda Farrugia noe, jirrizulta illi l-attriċi intavolat rikors f'dan is-sens, liema talba ġiet akkolta minn din il-Qorti, izda diversament presjeduta, u konsegwentament ġie nnominat espert għall-

ezumazzjoni tal-fdalijiet u kif ukoll espert ieħor sabiex jeleva l-kampjuni u jagħmel it-testijiet neċessarji;

ii. Il-proċedura tat-tehid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-qraba tal-mejjet, ġiet segwita:

a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Leontine Bondin vs Domenica Bondin et** deċiza nhar it-8 ta' Novembru 2019, fejn "Dr. Marisa Cassar xehdet a fol 35 et seq illi jekk isir test genetiku fuq l-omm, iz-zewgt' ulied u z-ziju tal-ulied dan ikun jista' jistabilixxi li VC huwa missier l-attrici f'percentagg ta' aktar minn 80%", u kif ukoll,

b. Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Nathalie Sultana et vs Dr Mark Mifsud Cutajar et noe**, deċiza nhar il-5 ta' Lulju 2018, mhux appellata, fejn "Xehdet ukoll l-istess Dr. Marisa Cassar fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, li kkonfermat li peress li f'dan il-kaz ma kienx hemm disponibbli l-kampjun tal-mejjet, uzat kampjun ta' membru tal-familja tieghu, cioe` ta' ommu E Mc Manus u hadmet, pjuttost milli normal paternity test, dak li jissejjah avancular index fejn ikun intuza kampjun ta' rapprezentant tal-allegat missier. Kompliet tispjega illi l-kampjuni ttiehdu minn fuq il-persuna tal-attrici Natalie B, tat-tifla C B, kif ukoll ta' omm l-allegat missier bhala xi hadd li jigi minnu. Ix-xhud ikkonfermat illi wara li gew imqabbla l-profiles ta' A B ma' dawk ta' bintha, jirrizulta li m'hemmx dubju li A B hija omm C B, u kkonfermat ulterjorment illi dan it-test ikkonkluda wkoll li wiehed ma jistax jeskludi li t-tifel ta' E Mc Manus huwa missier C B. Ix-xhud fissret li din il-konkluzjoni giet raggunta abbazi tal-persentagg ta' 99.74% li, ghal kaz rapprezentattiv ghall-finijiet tal-avancular test, huwa rizultat gholi hafna li juri li l-probabbilita` li bin E Mc Manus huwa l-missier ta' C B, hija 99.74%.".[1]

---

[1] Ara **Victor Buttigieg v Direttur tar-Registru Pubbliku et, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Mejju 2022**

Ghalkemm f'dawn iz-zewg istanzi ma jidhirx li kien hemm resistenza jew disgwid dwar il-proceduri per se; kif tezisti fil-kaz odjern.

**IKKUNSIDRAT:**

Din il-Qorti taqbel ma' dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, fis-sentenza **Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine** deċiża fid-29 ta' Jannar, 1970 li:

> *«Il-liġi, konsistentement mal-ġustizzja u mas-serjetà u d-dinjità tagħha, għandha sservi ta' strument soċjali kostruttiv, li biha n-nies għandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u ħajja mhux dewmien evitabbli u aridit.à li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilità u xettiċiżmu fost il-poplu kontra l-liġi».*

Illi kif inhu risaput, mal-mewt ta' genitur, li ggib maghha t-tmiem tal-kapacita` guridika, l-eredi tal-mejjet ghandhom l-obbligu li jidhlu fiz-zarbun tal-istess u jassumu l-personalita` guridika minfloku. Ghalkemm il-Qorti tifhem li jista' jkun li tezisti l-possibbilita' li l-konvenuti, ahwa B, jinsabu maħkuma minn biza' li jaffaċċjaw il-possibilita' li l-attur jaqsam id-DNA tagħhom, din il-Qorti trid issib bilanc bejn id-drittijiet ta' kulhadd, inkluz tal-attur.

Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-provi kollha, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi t-talba tal-attur hija ġustifikata.

**DECIDE:**

**Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba tal-attur fis-sens illi, a spejjez provizorjament tieghu:**

i. Tordna l-ezumazzjoni tal-ġisem ta' J B bl-intiża li jittieħed minn fuqu kampjun ġenetiku;

ii. Tinnomina lil Dr. Mario Scerri bħala espert forensiku sabiex jissorvelja u jidderiġi l-eżumazzjoni in kwistjoni, kif ukoll għandu jkollu l-inkarigu illi skont il-protokol neċessarju jieħu l-fdalijiet eżumati fil-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei;

iii. Tinnomina lil Dr. Marisa Cassar, bħala espert sabiex teżamina l-fdalijiet eżumati u televa kampjun ġenetiku minn fuq l-imsemmija fdalijiet tal-mejjet JB u kif ukoll televa kampjun ġenetiku minn fuq LC, sabiex konsegwentament tagħmel it-testijiet neċessarji u kif ukoll tirreleta dwar ir-riżultanzi b'komparazzjoni mad-DNA tal-imsemmi LC filwaqt illi l-istess espert qed tiġi awtorizzata sabiex tagħmel kull osservazzjoni relevanti u opportuna fiċ-ċirkostanzi;

iv. Tawtorizza lill-partijiet jew nies inkarigati minnhom sabiex ikunu preżenti bħala osservaturi biss waqt l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tal-mejjet JB ;

v. Tordna li l-ordni tal-eżumazzjoni li għandha ssir mill-esperti surreferiti tiġi komunikata lill-awtoritajiet kompetenti u ċjoe' lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa.

**Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**